MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 206/1996/1

**International Automobiles Limited**

**vs**

**John Gauci**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta attrici skond il-kambjalijiet hawn annessi u mmarkati bhala Dok 1 sa 4 tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' tliet mija u tlieta u erbghin liri maltin u tmien centezmi (Lm343.08);

Illi dawn il-kambjalijiet kollha skadew izda baqghu ma' thallsux u dana nonostante li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont;

U illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta attrici l-konvenut ma ghandux l-ebda raguni jew eccezzjoni valida x'jaghmel f'din il-kawza;

Ghalhekk is-socjeta attrici tablet li l-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti tikkundannah ihallas is-somma ta' tliet mija u erbghin liri maltin u tmin centezmi (Lm343.08) dovuti skond kambjalijiet kif fuq intqal u ghar-ragunijiet premessi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12);

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru 1995 u ta' ittra legali, kontra l-konvenut li gie ukoll inunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenut mid-data ta' kull skadenza ta' kull kambjala;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi l-esponent mhux il-legittimu kontradittur stante li m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Di fatti l-kambjalijiet jirreferu ghall-bejgh da parti tas-socjeta' attrici ta' Yamaha Outboard 55 BEL lis-socjeta' J.J.N. Co. Limited;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' J.J.N. Co. Limited kienet difettuza u ta' kwalita' inferjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici u lill-konvenut;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' tliet mija u tlieta u erbghin liri maltin u tmien centezmi (Lm343.08) import ta diversi kambjali debitament iffirmati mill-konvenut u li skadew izda baqghu ma' thallsux. Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma ta' Lm343.08;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li huwa mhux il-legittimu kontradittur stante li m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Il-konvenut jispecifika li l-kambjali jirreferu ghall-bejgh ta' Yamaha Outboard 55 BEL lill socjeta bl-isem J.J.M. Co. Limited. Inoltre l-konvenut qed jeccepixxi li l-imsemmija merkanzija kienet difettuza u ta' kwalita' inferjuri;

Dwar l-ewwel eccezzjoni jirrizulta l-kambjali in kwestjoni f'din il-kawza gew kollha ffirmati mill-konvenut u jidher li l-istess konvenut iffirmhom f'ismu propju. F'dan ir-rigward il-konvenut jghid li l-kambjali ffirmhom ghan-nom as-socjeta indikata fl-eccezzjonijiet u tant hu hekk li fuq l-istess kambjali hemm indikat l-isem ta' din is-socjeta. Ghar-rigward ta' din ic-cirkostanza ma jistax jgi eskluz li hemm

indikat dan l-isem ta’ socjeta fuq il-kambjali ghal skopijiet ta’ indirizz kif in effett issostni s-socjeta attrici. Inoltre jirrizulta li ma hemmx registrata socjeta bl-isem kif indikat fin-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut. Fil-fatt jirrizulta li qatt ma kien hemm tali socjeta registrata. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut rigwardanti l-legittimu kontradittur ma tista qatt tigi akkolta;

Jidher ukoll li l-kambjali jirreferu ghall-bejgh ta' outboard motor. Il-konvenut qed jeccepixxi li dan il-mutur kien difettus u ta’ kwalita inferjuri. Hawnhekk si tratta ta azzjoni kambjarja u eccezzjonijiet ta’ din in-natura mhux ammessi. Barra minn hekk jidher li l-ilmenti tal-konvenut ma jirreferux ghal mutur in kwestjoni izda ghal mutur iehor li huwa kien akkwista minnghand is-socjeta attrici precedentement;

In vista ta’ dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati. Mill-banda l-ohra t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u bili fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tliet mija u erbghin liri maltin u tmin centezmi (Lm343.08) import ta’ erba (4) kambjali debitament iffirmati mill-konvenut u li skadew izda baqghu ma' thallsux bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza ta' kull kambjala sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------